**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 30 ta' Marzu 2017**

Rikors Guramentat Nru. 236 / 16RGM

Kawza fil-lista: 19

**A B**
**vs**
**C B;**
**D E; u**
**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat ipprezentat mill-attur li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:-

1. Illi r-rikorrenti u l-intimata D E zzewgu fil-hmistax (15) ta' Dicembru tas-sena elf disa' mija u tlieta u sebghin (1973);

2. Illi r-rikorrenti u l-intimata D E sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat l-ewwel (1) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija u hamsa u tmenin (1985) fl-atti tan-Nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel;

3. Illi sussegwentement iz-zwieg bejn r-rikorrenti u l-intimata D E gie dikjarat null u bla effett permezz ta' sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili tat-tnejn u ghoxrin (22) ta' April tas-sena elf disa' mija u sebgha u tmenin (1987);

4. Illi matul iz-zwieg, fis-sbatax (17) ta' Lulju tas-sena elf disa' mija u disgha u sebghin (1979) twieldet C B;

5. Illi minkejja li fic-certifikat tat-twelid ta' C B r-rikorrenti gie indikat bhala l-missier tal-istess C B, C B ma hiex il-wild naturali tar-rikorrenti A B u dan kif gie stabbilit permezz tat-test tad-DNA;

6. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza sabiex jigi dikjarat li A B ma hux il-missier naturali ta' C B u sabiex isiru l-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet necessarji fic-Certifikat tat-Twelid ta' C B;

7. Illi r-rikorrenti jaf b'dawn il-fatti personalment;

Ghaldaqstant ir-rikorrenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

(1) Tiddikjara li r-rikorrenti A B ma hux il-missier naturali ta' C B;

(2) Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet necessarji fic-Certitikat tat-Twelid ta' C B liema att ghandu n-numru 3401/1979;

(3) Tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku ihassar minn fuq l-att tat-twelid ta' C B liema att ghandu n-numru 3401/1979, kull referenza ghar-rikorrenti A B, seniatament, izda mhux limitatament ghall-isem u kunjom, professjoni, sengha jew stat iehor, eta', fejn twieled u fejn joqghod u isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejiet;

(4) Taghti dawk il-provvedimenti u l-ordnijiet l-ohra kollha li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni;

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuti illi huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku,li taqra kif gej:-

1. Illi preliminarjament l-esponent jirrileva li l-Avukat Generali ma giex notifikat skont kif jipprovdi l-Artikolu 181B (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Isegwi ghalhekk illi t-terminu ghall-prezentata tar-risposta ghadu ma bediex jiddikorri;

2. Illi preliminarjament, ukoll stante l-fatt li la darba skorrew iktar minn sitt xhur mit-twelid ta' C B, din l-azzjoni kellha tkun preceduta minn rikors quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) ai termini tal-Artikolu 73 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex, wara li din l-Onorabbli Qorti tkun semghet il-partijiet

interessati kollha u qieset id-drittijiet tar-rikorrent u tat-tifla C B, tinkiseb l-awtorizzazzjoni mill-istess Qorti ghal procediment tal-azzjoni odjerna;

3. Illi preliminarjament, minghajr hsara ghall-premess, trattasi minn kawza ta' denegata paternita` r-rikorrent jehtieglu jipprova u jissodisfa talanqas wahda mic-cirkostanzi imsemmija fl-Artikolu 70(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi l-esponent jistqarr li hu mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-mertu tal-kaz in kwistjoni huwa jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji ghalkemm f'dan l-ambitu l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernanti sabiex jissottomettu ruhhom ghat-testijiet genetici kif provdut fl- Artikolu 70A tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Illi dejjem minghajr pregudizzju ghal premess, ir-rikorrent irid fl-istess waqt jeghleb il-presunzjoni legali mahluqa bis-sahha tal-Artikolu 81 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi adegwatament u konvincentement juri li l-pussess ta' stat ta' C B ma taqbilx mal-att tat-twelid taghha;

6. Illi bla pregudizzju ghas-suespost il-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b'mod definittiv liema kunjom ghandha tassumi C B a tenur tal-Artikolu 92 (6) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrent mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;

8. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrent li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.

Rat l-affidavit tal-attur anness ma' nota ppresentata fid-9 ta' Jannar 2017 inkluz dokumenti hemm annessi;

Rat l-affidavit ta' Dottor Marisa Cassar anness ma' nota ppresentata fit-12 ta' Jannar 2017;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-10 ta' Jannar 2017 fejn l-attur ddikjara li ma ghandhux oggezzjoni li l-konvenuta C B tibqa izzomm il-kunjom 'B' fl-eventwalita' li jigu milqugha t-talbiet attrici, u l-Avukat Dottor Beppe Fenech Adami ghall-konvenuta C B talab formalment li fid-decizjoni taghha l-Qorti

tordna li C B izzomm il-kunjom attwali taghha u l-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza in difett ta' ostakolu.

**PROVI.**

L-attur, A B, fl-affidavit tieghu mahluf fis-6 ta' Jannar 2017, Fol 34, ikkonferma li hu zzewweg lil D E fil-15 ta' Dicembru 1973 u li C B twieldet fis-17 ta' Lulju 1979. Hu u D E isseparaw b'kuntratt pubblikat min-Nutar Dottor Gerald Spiteri Maempel fl-1 ta' Ottubru 1985. Iz-zwieg gie sussegwentement dikjarat null b'sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili tat-22 ta' April 1987.

L-attur jghid li minn dejjem kellu suspett li C B ma kinitx bintu peress li fil-ftit relazzjonijiet sesswali li kellu ma' martu kien juza il-metodu tal-'withdrawal' u kien joqghod attent hafna anke billi it-tabib kien taghhom parir biex D ma tergax tohrog tqila wara t-tqala ta' C.

L-attur jghid li kien sar jaf minn ohtu li waqt iz-zwieg D kienet tmur ma' rgiel ohra. In-nies bdew jghidu lill-hutu u anke hu stess beda jisma' li D kienet qed tmur ma' rgiel ohra. Kien ghalhekk li hu telaq mid-dar u beda l-proceduri ta' separazzjoni. Kien min dak iz-zmien cioe' fis-sena 1985 li ma baqax jara lil C B.

Waqt il-kawza tal-annullament, D kienet ammettiet li marret ma' rgiel ohra waqt li kienu mizzewgin. F'dak iz-zmien hu kien talab lill-avukat tieghu biex jitlob li jsir l-ezami tad-demm fuq D izda din irrifjutat.

L-attur jghid li mill-gurnata li telaq mid-dar qata' kull kuntatt sia ma' D kif ukoll ma' C, tant li ddikjara li jekk jara lil C lanqas jaghrafha. Hu kkonferma li qatt ma agixxa ta' missier ghal C, qatt ma ezercita d-dritt ta' access u qatt ma ha interess fl-edukazzjoni u s-sahha taghha. Dan ghalhiex minn dejjem kien jemmen li ma kinitx bintu. Hu qatt ma ttratta lil C bhala bintu anke mal-familjari tieghu, qatt ma marret festin jew tieg tal-familja. Hu qatt ma mar ghall-okkazzjonijiet li kellha C bhal precett u grizma. C qatt ma kienet maghrufa bhala bintu mal-familja tieghu.

Hu kkonferma li fit-2015 permezz ta' ittra ufficjali kien talab lil D u lil C biex issir it-test tad-DNA u billi C qatt ma marret kellu jipprocedi l-Qorti biex isiru it-testijiet genetici. L-appuntament sar permezz tal-avukat billi hu ma ghandu l-ebda kuntatt, la ma' D u lanqas ma' C.

Minn dan it-test irrizulta li hu mhux missier C.

Ghalhekk wara l-konferma bid-DNA Test li hu ma kienx missier C ipproceda bil-kawza biex jigi dikjarat li hu mhux missier C B u billi dak li hemm imnizzel fic-certifikat tat-twelid ma jirriflettix il-verita' u r-realta'.

It-tabiba Dottor Marisa Cassar, fl-affidvit taghha mahluf fit-12 ta’ Jannar 2017, Fol 50 ikkonfermat li hi gabret il-kampjuni orali ta’ l-attur u tal-konvenuta B sabiex ikunu jistghu jsiru it-tests tad-DNA u irrizultalha li l-attur mhux il-missier biologiku ta’ C B.

Mir-riferti tal-4 ta’ Novembru 2016, Fol 23 a tergo, jirrizulta li D E u C B gew notifikati bir-rikors u d-digriet izda baqghu kontumaci billi ma ppresentaw l-ebda risposta.

Id-Direttur tar-Regitru Pubbliku, fir-risposta tieghu,Fol 27, iddikjara li ma giex notifikat skont ma jipprovdi l-Artikolu 181B (3) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta ghalhekk t-terminu ghal-presentata tar-risposta ghadu ma bediex jiddekorri; li stante li skorrew aktar minn sitt xhur mit-twelied ta’ C B l-azzjoni kellha tkun preceduta b’rikors fit-termini tal-Artikolu 73 tal-Kap 16 biex tinkiseb id-debita awtorizazzjoni biex issir il-kawza;li l-attur ghandu jipprova talanqas wahda mic-cirkostanzi imsemmija fl-Artikolu 70(1) tal-Kap 16; li l-partijiet ghandhom jissottomettu ruhom ghat-testijiet genetici skod l-Artikolu 70A tal-Kap 16; li l-attur jinhtieg li jegheleb il-presunzjoni legali skont l-Artikolu 81 tal-Kap 16, li l-pussess ta’stat ta’ C B ma jaqbilx mal-Att tat-Twelied taghha; u li l-partijiet ghandhom jiddecidu liema kunjom ghandha tassumi C B a tenur tal-Artikolu 92(6) tal-Kap 16.

**KONSIDERAZZJONIJIET.**

L-**Artikolu 70 tal-Kap 16** tal-Ligijiet ta’ Malta jelenka s-sitwazzjonijet partikolari meta r-ragel jista’ jichad li ‘jaghraf it-tifel’. Dawn huma jekk bejn it-300 mitt jum u il-180 jum qabel it-twelied tal-wild hu kien fl-impossibilita’ fizika li jghammar ma martu; jekk fl-istess zmien kien mifrud minnha de facto jew legalment; jekk fl-istess zmien kien impotenti; jekk fl-istess zmien jipprova li martu kkommettiet adulterju, li jistghu jkunu ukoll testijiet genetici u xjentifiki li jeskludu dik il-paternita’.

Skont is-sub incis (2) tal-istess artikolu id-dikjarazzjoni tal-omm li zewgha mhux missier it-tifel ghandha tinghata konsiderazzjoni  fil-kawza li tkun tirrigwarda l-eskluzjoni tal-paternita’ tar-ragel.

Fil-kaz in ezami rrizulta li fil-kawza tal-annullament taz-zwieg, deciza fit-22 ta’ April 1987, Dok MC3  Fol 16 D B mart l-attur kienet ammettiet li marret ma’ rgiel ohra waqt li kienu mizzewgin. In oltre mid-DNA test irrizulta li l-attur mhux il-missier biologiku ta’ C B. Isegwi ghalhekk li l-allegazzjoni tal-attur li hu mhux il-missier naturali ta’ C B tirrizulta soddisfacentement ppruvata.

Dwar l-eccezzjonijiet tal-konvenut Direttur il-Qorti tirrileva illi qabel ma gew intavolati l-proceduri gudizzjarji odjerni l-attur kien ha hsieb li jintavola rikors generali fl-24 ta' Novembru 2015 (kopja a fol. 39) fejn talab illi ai termini tal-artikolu 70A tal-Kap. 16 il-Qorti tordna li jittiehed kampjun genetiku sabiex tigi kjarifikata l-parentela naturali tal-konvenuta C B dak iz-zmien Zahra. B'digriet tal-4 ta' Marzu 2016 it-talba giet milqugha u eventwalment saru t-testijiet genetici li kienu l-preludju ghall-kawza odjerna. Ghalkemm kien ikun ferm ahjar illi f'dawk il-proceduri tar-rikors generali saret ukoll talba ghall-awtorizzazzjoni a procedere una volta kien hemm ir-rizultat tat-test tad-DNA, fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, tenut kont li l-partijiet involuti jaqblu li ghandha ssir l-emenda fic-certifikat tat-tweliid tal-konvenuta Dianne B sabiex jirrifletti r-rizultanzi tat-test xjentifiku, il-Qorti qed tikkonsidra li l-attur issodisfa d-dispost tal-artikolu 73 tal-Kap. 16. Dwar l-eccezzjoni ai termini tal-Artikolu 81 tal-Kap. 16 l-istess C B ma ssollevatx l-eccezzjoni tal-pussess ta' stat. Dan abbinat mx-xhieda tal-attur, mhux kontestata, illi huwa irritjena li l-konvenuta C mhux bintu u minhabba f'hekk ghal snin twal qatt ma kellu kuntatt maghha, jwassal lill-Qorti tasal ghall-konkluzzjoni, fuq bazi ta' probabilita', illi fil-mument li giet intavolata l-kawza l-konvenuta C B ma kenitx tipposjedi stat bhala bint l-attur.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi din l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tiddisponi mir-risposta guramentata tal-konvenut Direttur bil-mod kif hawn deciz,

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara li l-attur A B mhux il-missier naturali ta' C B;

2. Tilqa' t-tieni talba attrici u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jaghmel il-korrezzjonijiet u l-annotazzjonijiet necessarji fic-Certifikat tat-Twelied ta' C B I D 340179(M) liema Att ghandu n-numru 3401/1979;

3. Tilqa' t-tielet talba attrici u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku ihassar minn fuq l-Att tat-Twelied ta' C B kull referenza ghall-attur A B.

4. Tordna li l-konvenuta C B tibqa' ggib il-kunjom "B".

Fit-termini ta' qbil bejn il-partijiet registrat fil-verbal tal-udjenza tal-10 ta' Jannar 2017, tordna li l-ispejjez tal-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku jithallsu mit-tlett partijiet l-ohra in solidum bejniethom, filwaqt li l-ispejjez tal-attur u l-konvenuti B u E jibqghu bla taxxa.

**Imhallef** **Deputat Registratur**